**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 4 ta' JANNAR 2015**

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE XUEREB**

**VS**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ommissi ta' 27 sena, bin Joseph u Nazzarena nee' Micallef, mwieled Pieta' nhar it-22 ta' Frar 1987, residenti 208, Flat 2, Triq il-Kbira Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 118687;

Talli;

Nhar it-30 Dicembru 2014, u fix-xhur/snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus huma ta' valuta' Ewro, meta kien jaf li huma falsifikati;

2) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli, xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' Ewro meta kien jaf li l-istess huma ffalsifikati;

3) U aktar, talli nhar it-30 ta' Dicembru 2014, ghall-habta tad-21:30hrs, gewwa San Gwann, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt Ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef Ewro (€5000) ghad-dannu ta' Laura Zammit Refalo;

4) U aktar talli nhar it-30 ta' Dicembru 2014, ghall-habta tad-21:30hrs, gewwa San Gwann, bi hsara ta' haddiehor u cioe' ta' Laura Zammit Refalo, ghamel qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tmexxi din il-kawza b'mod sommarju;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, u 310 (1) (b) tal-Kapitlu tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204;

Wara li rat li l-imputat qieghed jassisti lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha fil-konfront ta’ terzi;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah ghall- piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal- Art 28A tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll tikkundannah multa ta’ elf Ewro (€1,000) pagabbli fiz- zmien ghaxar (10) xhur mil-lum.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**